# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 101/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Gaser Salman Darman**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat **Gaser Salman Darman**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 46069(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Settembru 2014 fil-Qorti ta' Malta, fil-belt Valletta:

1. ta xhieda falza f'materja ċivili.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' kundanna, tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni ġenerali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Marzu 2021, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet [**recte**: imputazzjoni] miġjuba kontra tiegħu u lliberatu.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-30 ta' Marzu 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddisponi minn din il-kawża skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-uniku aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali huwa n-nullita' tas-sentenza appellata u dan minħabba inosservanza mill-Ewwel Qorti tal-proċedura hekk kif stabbilita fil-liġi meta hija ma semgħet l-ebda xhud jixhed *viva voce* quddiemha iżda straħet fuq ir-relazzjoni tal-Perit Legali minnha maħtur sabiex jisma' l-istess xhieda. Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali l-proċedura adoperata f'dan il-kaz ma tissodisfax ir-rekwiżiti proċedurali li jirregolaw is-smigħ tal-provi u skont hu l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi proċedurali

kriminali minħabba li ħadd mix-xhieda ma nstema' mill-Maġistrat sedenti u l-Ewwel Qorti straħet fuq ix-xhieda tal-espert tal-Qorti. L-Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tisma' x-xhieda hi biex b'hekk tkun rat u semgħet ix-xhieda u tkun tista' tagħmel apprezzament tal-provi b'dan illi l-Ewwel Qorti tkun tista' tara l-imġieba tax-xhud u tara jekk xhud hux kredibbli jew le. Huwa ssottometta wkoll li skont Artikolu 650 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-perit għandu jkun maħtur "għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali" u li l-Qorti ma tistax taħtar Perit Legali biex jisma' x-xhieda biss u li f'dan il-każ ma kienx hemm ħtieġa għan-nomina ta' perit għaliex dak li għamel il-perit seta' għamlu l-Ġudikant stess. L-Avukat Ġenerali jagħlaq ir-Rikors tal-appell tiegħu billi jgħid li l-proċedura adoperata f'dan il-każ ma tissodisfax ir-rekwiżiti proċedurali li jirregolaw is-smigħ tal-provi u dan iwassal għan-nullita' tas-sentenza msemmija.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fl-4 ta' Settembru 2017 inħarġet ċitazzjoni (*a fol.* 1) fil-konfront l-appellat Gaser Salman Darman fejn huwa ġie akkużat talli fit-23 ta' Settembru 2014 kien ta xhieda falza f'materja ċivili;

- fl-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti u li nżammet fil-11 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 13) kien hemm preżenti l-appellat u l-Uffiċjal Prosekutur;

- fl-istess seduta msemmija l-Ewwel Qorti ħatret lil Dr. Anna Mallia *"sabiex tisma' x-xhieda, tagħmel aċċess, tiġbor id-dokumenti kollha u tirrelata"* (*a fol.* 13);

- fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 (*a fol.* 29), il-Perit Legali Dr. Anna Mallia ppreżentat ir-relazzjoni tagħha (*a fol.* 30 *et seq.*) u l-Qorti differiet l-kawża għas-sentenza;

- mill-11 ta' Ottubru 2017 sas-26 ta' Jannar 2021 l-Ewwel Qorti ma semgħet l-ebda xhud u ma ngħabet l-ebda prova oħra

quddiemha iżda ngħataw numru ta' differimenti sabiex l-espert tespleta l-inkarigu mogħti lilha.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjoni tagħha dwar l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali tinnota li għal aktar minn tliet snin, il-Prosekuzzjoni qatt ma lmentat minn kif kienu qed jinżammu l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Kien biss wara li ngħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti li ġie mqanqal l-ilment in kwistjoni. Il-Prosekuzzjoni setgħet opponiet għan-nomina tal-Espert Legali u matul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti setgħet ivventilat l-ilment tagħha u mhux tħalli kollox għaddej u mbagħad tqanqal in-nullita' fi stadju ta' reviżjoni!

**Ikkunsidrat**

Illi s-sentenza li tiġi spiss kkwotata f'każijiet analogi fejn ix-xiehda ma tkunx ġiet mismugħa mill-Ġudikant iżda minn xi Perit Legali delegat sabiex jagħmel ix-xogħol tal-Ġudikant, hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Helga D'Alessandro** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-2 ta' Settembru 1999, fejn ingħad hekk:

> "L-aggravju tal-appellanti jirriduċi ruħhu, bażikament, għal wieħed ta' apprezzament ta' provi. Pero' f'dan il-każ hemm problema aktar *di fondo* li din il-Qorti hi tal-fehma li għandha tissolleva *ex officio*, u ċioè li l-qorti li tat is-sentenza fil-21 ta' Jannar, 1999 ma semgħetx provi iżda qagħdet fuq ir-rapport tal-"perit legali" Dott. Beppe Fenech Adami u fuq id-deposizzjonijiet minnu miġbura. Fi kliem iehor, ħadd mix-xhieda ma ta x-xiehda tiegħu quddiem il-Ġudikant li ppronunzja s-sentenza fil-21 ta' Jannar ta' din is-sena.
>
> Il-Qorti li tat is-sentenza fil-21 ta' Jannar, 1999 kienet qorti ta' prim istanza u mhux qorti ta' appell. Il-proċedura quddiem dik il-qorti kellha ssegwi dak indikat fl-Artikoli 374(i) u 375(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioè li l-kawża titmexxa 'fil-qosor u bil-fomm' ('*viva voce*' fit-test ingliż) billi jinstema' l-uffiċjal prosekutur u l-provi tiegħu; wara

jinstema' l-imputat jew l-avukat tiegħu u l-provi tad-difiża; u finalment ikun hemm id-dritt ta' replika u kontro-replika. Din il-proċedura neċessarjament tfisser li x-xhieda jinstemgħu mill-qorti. L-Artikolu 646(1) (tal-imsemmi Kodiċi), li japplika wkoll għall-Qorti tal-Maġistrati, jipprovdi li, salv ċerti eċċezzjonijiet li ma humiex relevanti għal dan il-każ, u salv il-proċedura fi stadju ta' appell, 'ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce*'. L-ewwel qorti, iżda, ma għamlitx hekk; iddelegat is-smigħ tax-xhieda lil 'perit legali'. Issa, perit għandu jiġi nominat biss meta 'għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali' (Art. 650, Kap. 9). Fil-każ in diżamina l-ewwel qorti, b'digriet tal-15 ta' Marzu, 1996, innominat 'fuq talba tal-partijiet', bħala 'perit legali' lill-Avukat Dott. Beppe Fenech Adami 'bis-soliti fakoltajiet, inkluż li jagħmel [sic!] aċċessi u jisma' ix-xhieda bil-ġurament u wara jirrelata bil-miktub lil din il-Qorti' (ara fol. 6 tal-atti).

L-unika ħila u sengħa li kienet rikjesta mill-perit nominat kienet dik il-ħila u sengħa li kull Ġudikant hu preżunt li għandu, u ċioè li jisma' l-provi, jagħmel il-valutazzjoni tiegħu skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodiċi Kriminali, u japplika l-liġi għall-fatti kif jirrisultawlu. Għalhekk f'dan il-każ ċertament ma kienx hemm lok għan-nomina ta' 'perit' biex jagħmel dak li l-liġi trid li jagħmel il-ġudikant personalment. Dak li l-leġislatur ma riedx li jsir mill-maġistrat inkwirenti fil-kors tal-inkjesta dwar l-*in genere* – ara t-tielet proviso tal-Art. 548 tal-Kap. 9 – *multo magis* ma jistax isir mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Hawnhekk m'aħniex fil-kamp ċivili fejn il-partijiet jistgħu, sa ċertu punt, jaqblu fuq il-proċedura li għandha tiġi segwita. Konsegwentement din il-Qorti ser tinjora wkoll il-verbal, reġistrat quddiemha fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 1999, fejn il-partijiet qablu li din il-Qorti għandha 'timxi fuq l-atti inklużi r-relazzjoni ta' Dr. B. Fenech Adami'. In-nuqqas

tal-Ġudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta għal aktar minn sempliċi nuqqas ta' formalita', sostanzjali jew xort'oħra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali. Tali nuqqas jinċidi fuq is-sustanza tal-proċedura kollha. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bħalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita' tas-sentenza, huma sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti. Biex ma tipprivax lill-appellanti mill-benefiċċju tad-doppju eżami, din il-Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-ġdid fil-meritu, iżda ser tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti."

Illi minkejja dak li ngħad f'din is-sentenza hawn fuq ikkwotata u oħrajn, fosthom dik mogħtija fis-26 ta' Jannar 2021 minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Busuttil** (Numru 47/2020), din il-Qorti kif preseduta tagħmel tagħha u taqbel ma' dak li ngħad minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza mogħtija minnha fid-29 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jaser Ali Mahmoud** (Numru 99/2021) fejn ingħad is-segwenti:

"Illi, il-Qorti ma tistax, madanakollu, taqbel ma' din l-interpretazzjoni stretta tal-liġi, iktar u iktar meta llum il-qrati qed jieħdu il-linja li fejn jista' jkun l-atti jiġu sanati u dan sabiex jiġi evitat ħafna xogħol żejjed u ħela ta' ħin bil-proċeduri jitwalu inutilment. Illi l-Artikolu 650(5) tal-Kodiċi Kriminali jistipola illi –

"Il-qorti, <u>kull meta jkun hemm bżonn</u>, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista' wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan, il-qorti

> ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa' teżamina x-xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan. Meta jkunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, il-qorti għandha tindika liema perit ikollu s-setgħa li jagħti l-ġurament."

Illi, dan ifisser illi ġaldarba il-Magistrat dehrlu, fid-diskrezzjoni tiegħu, li kien jenħtieġ il-ħatra ta' espert sabiex jassistieh fil-każ taħt il-lenti tiegħu, allura x-xiehda kollha miġbura mill-espert għandha tiswa għal fini tal-proċeduri mingħajr il-bżonn li l-Magistrat jerġa' jisma' hu ix-xhieda mill-ġdid, u dan ġaldarba ebda wieħed mill-partijiet ma jkunu qanqlu xi oġġezzjoni f'dan is-sens jew inkella ma jkunu talbu li l-Maġistrat jisma' xi xhieda hu, jew li jsir il-kontro-eżami quddiemu ta' xi xiehda partikolari. Fuq kollox kif jiddisponi l-artikolu 376(3) tal-Kodiċi Kriminali, in-nuqqas ta' osservanza mill-Maġistrat li jirreġistra *di proprio pugno* ix-xiehda tax-xhieda ma twassalx għan-nullita' tal-proċediment u allura wisq anqas għandu iwassal għal xi nullita' il-fatt illi dik ix-xiehda tkun ġiet irreġistrata mill-perit legali delegat mill-Maġistrat stess biex jisma' dawk il-provi u jagħtih il-fehma tiegħu fuq il-każ, iktar u iktar meta ebda wieħed mill-partijiet ma qajjmu oġġezzjoni għaldaqstant. Mhux biss, iżda jiżdied jingħad illi f'din il-kawża l-Ewwel Qorti, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021, ikkonċediet lill-partijiet terminu ta' ħmistax-il jum sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet, u dan wara li l-perit legali kienet ippreżentat r-relazzjoni tagħha, iżda l-Prosekuzzjoni, mogħtija allura l-aħħar okkazzjoni sabiex tissolleva n-nullita' tal-proċeduri, minnha issa lamentata, ma ressqet ebda sottomissjoni u baqgħet siekta, u kienet biss il-parti leża li ressqet is-sottomissjonijiet tagħha fejn anke hawnhekk ebda nullita' ma ġiet ventilata".

Illi din il-linja ta' ħsieb hawn fuq imsemmija fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Jaser Ali Mahmoud** hawn fuq ikkwotata ġiet mħaddna wkoll fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Settembru 2019 minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Vella** (Numru 16/2019), li għamlet riferenza għal numru ta' sentenzi oħra, fejn ingħad hekk:

> "2. Fl-ewwel aggravju, l-appellant iressaq l-argument illi s-sentenza hija nulla stante illi x-xhieda ma nstemgħux *viva voce* mill-ewwel Qorti kif jitlob l-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali. Eżaminati l-atti, jemerġi illi l-ewwel Qorti kienet ħatret perit legali sabiex *"jisma x-xhieda, jiġbor id-dokumenti, jagħmel aċċess fuq il-post u jirraporta lura lill-Qorti dwar l-akkużi li l-imputat jinsab akkużat bihom"*. […] Jirriżulta ukoll illi l-perit legali kien ppreżenta r-relazzjoni tiegħu […]. Bhala fatt, għalhekk jirriżulta dak li qed jgħid l-appellant, bħalma jirriżulta ukoll illi ebda waħda mill-partijiet ma pprotestat ruħha għal dan meta saret il-ħatra tal-perit legali wisq anqas irriżervat il-posizzjoni tagħha;
>
> 3. Din il-Qorti, iżda ġia kellha l-okkażżjoni tippronunzja ruħha fuq kwistjoni konsimili fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. Mary Rose Vella et** tal-24 ta' Mejju, 2019 (App. Krim. 507/2017). Dik il-parti dispositiva tas-sentenza qed tkun hawn riprodotta:
>
>> "Huwa minnu, kif josservaw l-appellanti, illi l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi bħala regola x-xhieda għandhom dejjem ikunu eżaminati fil-qorti u *viva voce*. Minnu ukoll illi l-artikolu 650 tal-istess Kodiċi jobbliga lill-Qorti lil tordna perizja fil-każijiet kollha li fihom tkun tinħtieg ħila jew sengħa speċjali għall-eżami tal-persuna. Fil-każ odjern ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' ħtieġa ta' ħila jew sengħa speċjali tant li kien maħtur avukat biex jisma ix-xhieda u jiġbor dokumenti dwar kwistjoni ta' nuqqas ta' ħlas ta' salarju, ħlas ta' vaganzi pubbliċi u

> ħwejjeġ simili. Madandakollu, l-appellanti qatt ma oġġezzjonaw għal din il-proċedura anke jekk mhux daqstant sollecitata mil-liġi u ma jistgħux issa, għaliex il-kawża kienet deċiża sfavorevolment, jillanjaw is-sentenza b'aggravju bħal dan."

4. Bħalma ukoll ġara f'dak il-każ, l-imputat kien ipparteċipa fil-kawża mingħajr riżerva, għamel il-kontroeżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u anke sottomissjonijiet bil-miktub qabel mal-kawza tħalliet għas-sentenza. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Magro u Alfred Magro** (522/2016) fis-7 t'April 2017 dan il-punt kien mistħarreġ u deċiż bil-mod segwenti:

> "Għalkemm l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li x-xhieda għandhom jiġu eżaminati fil-Qorti u *viva voce* l-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja bil-periti jinħatru mill-Qorti. Inoltre, is-subartikolu (5) tal-istess artikolu 650 jipprovdi wkoll, *inter alia*, li l-Qorti tal-Maġistrati, kemm bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali kif ukoll bħala Qorti istruttorja, tista' tagħti s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan il-Qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti prodotti jew terġa' teżamina x-xhieda mismugħa sakemm il-Qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan.
>
> Dan huwa preċiżament dak li ġara f'dan il-każ u l-imputati fl-ewwel istanza fl-ebda stadju ma

għamlu xi talba sabiex il-Qorti terġa' teżamina x-xhieda li nstemgħu mill-perit nominat mill-Qorti.

Fl-appell tagħhom l-imputati jilmentaw li dan il-każ kien wieħed sempliċi li ma kien jirrikjedi l-ebda każ ta' xi ħila jew sengħa speċjali u jirrileva li t-tielet proviso tal-artikolu 548(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 645 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), it-tnejn jipprojbixxu l-ħatra ta' esperti unikament sabiex jisimgħu xhieda bil-ġurament u jistabilixxu l-fatti relevanti u dan, skont l-appellanti, juri kemm tali perizji qatt ma kienu għall-qalb il-proċedura fil-Qrati Maltin. Il-fatt jibqa', iżda, li l-artikolu 548 jirrigwarda l-proċeduri ta' *in genere*, li mhux il-każ hawn, waqt li l-artikolu 645 tal-Kap. 12 ma ġiex reż applikabbli għall-qrati ta' ġustizzja kriminali.

Barra minn hekk mill-atti jirriżulta li meta l-ewwel Qorti nnominat il-perit fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2015 fil-preżenza tad-difensur tal-imputati dawn ma qajmu ebda eċċezzjoni għal dik il-ħatra u qatt ma qajmu ebda oġġezzjoni f'xi stadju wara tal-proċediment anqas wara li l-perit ippreżenta r-rapport tiegħu bil-ġurament. Anqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-rapport peritali u li ppreżentaw quddiem l-ewwel Qorti fl-24 ta' Awwissu 2016 l-imputati ma qajmu ebda eċċezzjoni jew oġġezzjoni jew minimament ikkritikaw il-ħatra tal-perit u llimitaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-mertu tal-konklużjonijiet peritali. L-imputati ma jistgħux issa f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri iqajmu eċċezzjonijiet quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni li qatt ma ssollevaw fl-ewwel istanza.

> Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-imputati appellanti qiegħed jiġi respint u l-Qorti tordna l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-appell fuq dawk l-aggravji li għadhom mhux deċiżi."

> 5. Din il-Qorti ma tarax li għandu jkun hemm xi ripensament dwar il-ħsieb tagħha fiċ-ċirkostanzi kif preżentati f'dan l-appell u għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma taqbilx mal-aggravju mqanqal mill-appellat Avukat Ġenerali u b'hekk il-Qorti tiċħad dan l-aggravju b'dan illi din il-Qorti tinnota li l-Qorti tal-Maġistrati għandha kemm jista' jkun tara li x-xhieda jinstemgħu minnha biex b'hekk ma jiġux maħtura esperti mingħajr bżonn bi spejjeż ulterjuri u b'dewmien bla bżonn u dan salv li ma jkunx hemm xi ħtieġa partikolari għal każ quddiemha

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**